32004R0749

23.4.2004 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 118/5

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 749/2004
## tat-22 ta' April 2004
## li jistabbilixxi miżuri transitorji f'dak li jirrigwardja l-ħalib tax-xorb prodott fl-Estonja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Poland, l-Islovenja u l-Islovakkja, u partikolarment l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Poland, l-Islovenja u l-Islovakkja, u partikolarment l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 41 tiegħu,

Billi:

(1) Aktar minn 90 % tal-ħalib tax-xorb prodott fl-Estonja għandu kontenut ta' grass ta' 2.5 %, li ma hux konformi mal-ħtiġiet ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2597/97 tat-18 ta' Diċembru 1997 li jistabbilixxi regoli addizzjonali dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u fil-prodotti tal-ħalib dwar il-ħalib tax-xorb ([1]).

(2) Sabiex tkun iffaċilitata transizzjoni lejn l-applikazzjoni sħiħa tar-Regolament (KE) Nru 2597/97, huwa għalhekk meħtieġ li jkunu adottati miżuri transitorji li jippermettu l-forniment għall-bejgħ fl-Estonja ta' ħalib prodott fl-Estonja b'kontenut ta' grass ta' 2,5 %.

(3) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Ħalib u l-Prodotti mill-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Bħala deroga mill-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (KE) 2597/97, il-ħalib tax-xorb prodott fl-Estonja b'kontenut ta' grass ta' 2,5 % jista jkun fornut jew mibjugħ fl-Estonja skond l-Artikolu 2(1) ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ suġġett għal, u fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, tal-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja.

Dan għandu jkun applikabbli sat-30 April 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' April 2004.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni.*

---

([1]) ĠU L 351, tat-23.12.1997, p. 13. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1602/1999 (ĠU L 189, tat-22.7.1999, p. 43).